# VARIA ATQUE BREVIORA

## IL-KELMA "VAVALOR"

Ta' A. CREMONA

Il-*vavalor* huwa bħal sarvetta li jitqiegħed taħt geddum it-trabi biex il-libsa ma tiċċappasx bil-lgħab minn ħalqhom meta jixorbu l-ħalib jew xi ikel ieħor.

Il-kelma *vavalor* ġejja mill-kelmiet Sqallin *vavalora* jew *vavaloru* (A. Traina, V. Nicotra, Ed. Nicotra d'Urso). F'xi bnadi ta' Sqallija flokhom isemmgħu l-kelmiet *bavalora babiola, baviola, vaviola*. L-Isqalli mill-banda l-oħra ħa dawn il-kelmiet mill-kelma *bavaglio-lo*, forma djalettali Toskana minn kelma oħra Taljana qadima *baviolo*. Qabel il-Franċiż: *baverette*, il-Venezjan: *bavarol* (minn *bavariolo*). Fihom naraw, bħal fil-Malti, il-bidla tal-labjali *b* f'*v* u tal-likwidi *l* f'*r*.

## IL-KELMA "ĊIPPIDODU"

Ta' A. CREMONA

Iċ-Ċippidodu għandu għamla ta' żugraga ċkejkna b'erbat uċuħ bħal dadu, li bih min idawru jista' jirbaħ jew jitlef flus jew oġġett. L-erbat uċuħ huma immarkati b'ittri; fuq ġenb wieħed l-ittra *P* (*pone*, li tfisser *qiegħed* flus), fuq ġenb ieħor l-ittra N (*nihil*, li tfisser *xejn*), fuq it-tielet ġenb l-ittra A (*accipe*, li tfisser ħu, u fuq ir-raba' l-ittra T (*totum*, li tfisser *kollox*—rebħ tal-flus kollha jew oġġett).

Il-kelma Maltija *Ċippidodu* ġejja mill-kelma Taljana *Accipitoto*, meħuda miż-żewġ kelmiet Latini: *Accipe totum* li jfissru *ħu kollox*, (*iġbor il-flus kollha li rbaħt*). Il-Malti seta', madankollu, ħa l-kelma mill-Isqalli, u mhux direttament mit-Taljan.

Bl-Ingliż il-logħba taċ-*Ċippidodu* titfisser bil-kelma *Teetotum*, magħmula minn *T-totum*.

## KLIEM MALTI MHUX MAGĦRUF

Ta' GINO MUSCAT AZZOPARDI

Sejrin inġibu hawn taħt sensiela ta' kliem Malti li aħna ġbarna minn għand bosta kaċċaturi u nassaba. Dan il-kliem s'issa għadu ma deher f'ebda vokabularju u huwa kliem li jużaw in-nassaba bejniethom biex juru kif igħajtu xi għasafar:

L-apparell iżerżer
il-bibla ttaqtaq



il-birwina tpetpet
Il-fellus iċejjaq
Il-gardell iżepżep
Il-gamiema tparpar
Il-ġojjin igeġġeġ
Il-malvizz izekzek
L-ortulan ipaqpaq
Il-pespus ipespes
Il-pitirros ifaqqa'
Il-pluviera tgerwel
Is-serduk jidden
L-isponsun ipenpen jew ivenven
Is-summiena ttaqtaq jew tgħanni
Is-summiena tkerker
It-tellerita tgorr
It-tiġieġa tqaqi
L-għasfur taż-żebbuġ izekzek
Il-verdun iterter jew iweġweġ jew igħeżżeż.

Il-kanarin l-ewwel ipejjes, wara jivversja, imbagħad igħanni jew ikanti.

Min jaf iżjed iżidhom u jibgħathom lilna.

---

### NOTA EDITORJALI

Ma' din il-lista interessanti ta' frażijiet b'verbi onomatopejċi wieħed
jista' jżid oħrajn li jfissru l-leħen ta' annimali oħra, barra minn tjur,
bħalma huma ta' *żiemel jiżher*, (*żeher — to neigh* bl-Ingliż, *nitrire* bit-
Taljan); ta' *kelb jinbaħ* (*nebaħ — to bark* bl-Ingliż, *abbaiare*, *latrare* bit-
Taljan); ta' *ħmar jinħaq* (*naħaq — to bray* bl-Ingliż, *ragliare* bit-Taljan);
ta' *qattus inewwaħ* (*newwaħ — to mew* bl-Ingliż, *miagolare* bit-Taljan).

Il-verb *taqtaq*, *itaqtaq*, barra dak li hu msemmi fil-lista, jingħad
ukoll għall-kalandra, u għal xi għasfur ieħor. Hekk ukoll il-verb *qaqa*,
*jqaqi*, li flimkien ma' *jtaqtaq (to croak* bl-Ingliż, *gracidare* bit-Taljan) jin-
għadu għal leħen il-għurab u l-wiżż, filwaqt li l-verbi *garrire*, Taljani, *(to*
*warble* bl-Ingliż), u *cinguettare*, Taljan, *(to chirp* bl-Ingliż) jingħadu ak-
tarx, il-wieħed għall-għasafar kollha, fil-Malti bil-kelma ġenerika *għanna*,
*igħanni*, u l-oħra għall-għasafar kollha li ma jgħannux fit-tul, fil-Malti
bil-kelma Maltija *ċejjaq*, *jċejjaq*.

Il-Malti huwa mbagħad nieqes minn xi verbi li f'ilsna oħra jfissru
l-leħen ta' xi annimali oħra, bħalma nsibuhom fl-Ingliż u fit-Taljan. Fost
dawn ta' min isemmi dawn il-verbi: *to bleat* fl-Ingliż, *belare* fit-Taljan,
għal leħen il-mogħoż u n-ngħaġ; *to grunt* fl-Ingliż, *grugnire* fit-Taljan,
għal leħen il-qżieqeż; *to bellow* fl-Ingliż, *muggire* jew *mugghiare* fit-Tal-
jan għal leħen il-gniedes u baqar; *to yelp* fl-Ingliż, *mugolari* fit-Taljan
għal leħen il-klieb meta jgħajtu b'leħen ta' bikja għal sidhom; *to growl*,
*to snarl*, fl-Ingliż, *ringhiare* fit-Taljan, li jingħadu għal leħen il-klieb meta
xi ħadd jinbixhom u jheddu li se jigdmu billi jikxfu snienhom.